# GĦALIEX INT KONT MGĦAMMED?

Minn
George Ebejer

# GĦALIEX IN KONT MGĦAMMED?

Din il-mistoqsija personali jiena nixtieq nistaqsik:

**"Għaliex int kont mgħammed?"**

Din hija mistoqsija xieraq għal raġunijiet. L-ewwel raġuni, xi forma ta' din il-kelma hija wżata 123 darba fit-Testment il-Ġdid. Il-forma "*baptizo*", li tfisser "jiena ngħammed", tinsab 80 darba. Il-forma tan-nom, "*baptisma*", li tfisser "magħmudija," tinsab 22 darba. "*Baptismos*", li hija tradotta "ħasil", fis-sens li taħsel il-ġisem kollu, tinsab 4 darbiet. "*Baptistes*" hija kelma li għandha x'taqsam ma' Ġwanni li jgħammed. Dan hu kif it-terminu għandu jkun tradott. "Battista" ma kienx isem proprju jew nom. Dan sempliċiment qal x'kien jagħmel Ġwanni, igħammed. Għalhekk, hu kien Ġwanni li jgħammed. U l-kelma tinsab 14-il darba fit-Testment il-Ġdid. Il-kelma "*bapto*", li hija tradotta fit-Testment il-Ġdid, "li tgħaddas", tinsab tliet darbiet. Meta inti tgħodd dawn kollha flimkien, it-total jiġi 123 darba.

Imma l-mistoqsija li jiena staqsejt: "Għaliex int kont mgħammed?" hija importanti mhux għax din sempliċiment hija msemmija għal ħafna drabi fit-Testment il-Ġdid, imma għaliex din hija l-Kelma ta' Alla. "Alla tkellem." Imma hija wkoll importanti għaliex hawn tant nuqqas ta' ftehim dwar is-suġġett. Imma l-Bibbja, b'mod ċar ħafna u mingħajr ebda dubju jew oskurità, tgħidilna dak kollu li aħna naħtieġu li nkunu nafu dwar is-suġġett tal-magħmudija. Hekk kif aħna nħarsu ftit aktar bir-reqqa lejn dawn il-123 pass ta' Skrittura, aħna nitgħallmu:

## MIN

*Min* jista' jiġi mgħammed. Permezz tal-Kelma ta' Alla aħna nistgħu nkunu nafu **min** hu suġġett xieraq għall-magħmudija. Hemm xi wħud li inti ma tistax tgħammed. Int ma tistax tgħammidhom jekk inti tipprova! Ma tistax tgħammed lil wieħed li mhuwiex imgħallem. Ġesù qal bi kliem l-aktar ċar u li jista' jifhmu kulħadd:

> "*Morru, mela* ***għallmu*** *l-ġnus kolha, u għammduhom…*" (Mattew 28:19; Bibbja Saydon; enfasi tiegħi)

Igħammdu *lil min*? Igħammdu lil dawk imgħallma (Mattew 28:19, 20). Ġesù aktar 'il quddiem qal:

> "*U kulħadd ikun imgħallem minn Alla*" (Ġwanni 6:44, 45).

Inti ma tistax tiġi għand Alla mingħajr ma tkun imgħallem. Din hija waħda mir-raġunijiet li jiena naf li mhuwiex possibbli li tgħammed tarbija. Inti tista', bħal xi knejjes, tgħaddas tarbija lliet darbiet—fl-isem tal-Missier u ta' l-Iben u ta' l-Ispirtu s-Santu, imma int ma tkunx għammidt lil dik it-tarbija, għaliex il-Mulej tagħna Ġesù Kristu qal ċar u tond li hija l-ewwel għandha tkun imgħallma!

## WIEĦED GĦANDU JEMMEN

Aħna wkoll nitgħallmu mill-qari ta' dawn il-123 vers li wieħed għandu jemmen biex jitgħammed. Ġesù, hekk kif ta l-Kummissjoni l-Kbira, qal:

> "*Morru fid-dinja kollha, xandru l-Bxara t-Tajba lill-ħolqien kollu. Min jemmen u jitgħammed, isalva: iżda min ma jemminx ikun ikkundannat*" (Mark 16: 15, 16).

Raġel importanti, li dwaru jiena qrajt fil-Bibbja, staqsa l-mistoqsija:

> "*X'qiegħed iżommni li ma nitgħammidx?*"

Raġel ieħor ispirat wieġbu:

> "*Jekk int temmen b'qalbek kollha, tista'*'" (Atti 8:36-37).

Hu wieġbu u qallu:

> "*Jiena nemmen li Ġesù Kristu hu l-Iben ta' Alla*" (Atti 8:36-37)

Int ma tistax tgħammed xi persuna jekk ma temminx —jekk hija ma jkollhiex l-abbiltà li temmen, għandha r-rieda u lesta li temmen u temmen li Ġesù Kristu Hu l-Iben ta' Alla. Int tista' tniżżel lil dik il-persuna fl-ilma, tgħaddasha għal mitt darba imma xorta int ma tkunx, skond il-Kelma ta' Alla għammidt lil dik il-persuna, sakemm hija temmen din il-verità importanti kollha. Kulma int tkun għamilt ikun li xarrabt lil dik il-persuna u mhux għammidtha Skritturalment!

## WIEĦED GĦANDU

Dan il-vers jgħidilna li dawk biss li jindmu jistgħu jitgħammdu. Meta, f'Jum Pentekoste, nies staqsew,

> "*L-aħwa, x'għandna nagħmlu?*" (Atti 2:37).

Pietru, wieġeb għat-tnax l-oħra, l-appostli l-oħra kollha, billi qal,

> "***Indmu**, u jitgħammed kull wieħed minnkom fl-isem ta' Ġesù Kristu għall-maħfra tad-dnubietkom…*" (Atti 2:37, 38; enfasi tiegħi).

Għalhekk, wieħed irid ikun jista' jindem—jiġifieri, huwa għandu jkollu *l-abbiltà* biex jindem. Ukoll, hu għandu jkollu *r-rieda* li jindem. U, mingħajr dan, int ma tistax tgħammdu. Int ma tistax tgħammed tarbija; int ma tistax tgħammed imbeċilli (persuna mentalment difettuża); int ma tistax tgħammed wieħed li mhux responsabbli lejn Alla; int ma tistax tgħammed wieħed li mhux lest li jindem. Jekk wieħed xurban jiġi għandi biex jiena ngħammdu, jiena naf li nista' ngħammdu imma ma nistax immur għall-forma, għaliex il-Bibbja tiegħi tgħallem li qabel ma wieħed jitgħammed dan għandu jindem. Mela, qiegħed tara dawn il-passi fit-Testment il-Ġdid igħidulna **min** hu suġġett għall-magħmudija—wieħed li jista' jkun mgħallem, wieħed li jista' jemmen, wieħed li jista' jistqarr, u wieħed li jista' jindem. Xi ħaġa oħra, dak kollu li huwa msejjaħ magħmudija ma hu xejn ħlief farsa u daħk fil-wiċċ!

## L-ELEMENT TAL-MAGĦMUDIJA

Dawn il-versi jgħiduli xi ħaġa dwar il-magħmudija tat-Testment il-Ġdid: l-element, is-sustanza fiżika tal-magħmudija huwa l-ilma. Jiena mhux sejjer naqra l-

passaġġi kollha li għandhom x'jaqsmu magħha, imma l-appostlu Pietru staqsa:

> "*Jista' xi ħadd jiċħad* ***l-ilma*** *tal-magħmudija lil dawn in-nies, li ħadu l-Ispirtu s-Santu bħalma ħadnieh aħna wkoll*" (Atti 10:47).

Filippu u l-ewnuku mill-Etjopja kienu qegħdin jivvjaġġaw minn Ġerusalem fil-karru ta' l-uffiċjal. Huma wasl f'post fejn kien hemm l-ilma u l-ewnuku qal:

> "*Ara, hawn l-ilma…*" (Atti 8:36).

Huma waqqfu l-karru, niżlu t-tnejn *fl-ilma*. Huma mbagħad telgħu *mill-ilma*. Erba' darbiet f'dak il-vers biss, jintqal li l-ilma huwa l-element. Għaliex kien l-ilma l-element li l-Mulej ordna? Jiena ma nafx; imma kieku l-Mulej qal "ramel," "meraq tat-tuffieħ," jew "ħalib," jiena kont nemmen dak. Dan li qiegħed ngħid huwa, Alla għażel l-ilma bħala l-element biex jirrappreżenta d-difna u l-qawmien ta' Kristu mill-imwiet.

## IL-MOD TAL-MAGĦMUDIJA

Wara li eżaminajt dawn il-123 passaġġ fuq il-magħmudija, jiena nfurmat illi l-mod tal-magħmudija huwa tgħaddisa fl-ilma, immersjoni. Jiena qrajt l-iskulari stabbilit fil-lingwa tat-Testment il-Ġdid, u huma jgħidu li l-kelma "magħmudija" tfisser "li tinżel fl-ilma," "li tgħaddas," "li tgħarraq," "li titfa' ġo l-ilma," jew "li taħsel kompletament." Fil-qalb ta' dak il-bniedem li jixtieq li jsir ċittadin fis-Saltna ta' Alla u jagħraf lil Ġesù Kristu bħala s-Salvatur tal-bniedem, Għalih il-

magħmudija hija difna u qawmien (reżurrezzjoni). Rumani 6:3, 4 naqraw hekk:

> "*Ma tafux li aħna li tgħammidna fi Kristu, tgħammidna fil-mewt tiegħu? Indfinna miegħu fil-met permezz tal-magħmudija sabiex kif Kristu kien im-qajjem mill-imwiet permezz tal-qawwa glorjuża tal-Missier, hekk aħna ngħixu ħajja ġdida.*"

Il-passaġġ parallel f'Kolossin 2:12 jaqra hekk:

> "*Indfintu miegħu bil-magħmudija u bih irxuxtajtu permezz tal-fidi tagħkom fil-qawwa ta' Alla li qajmu mill-imwiet.*"

Importanti kemm huma importanti dawn l-affarijiet kollha li jiena qrajt lilek, ma hemm xejn aktar li għandu sinjifikat, xejn li hu ta' aktar siwi minn, Għaliex Int Kont Mgħammed?

Ma hemm xejn aktar importanti minn, Għaliex Int Kont Mgħammed? Jew, għal dik il-ħaġa, Għaliex Jien Nagħmel Xi Ħaġa Tkun xi Tkun fis-Servizz Lejn Alla? Ma hemm xejn ta' aktar piż u ta' aktar importanza, minn dan—kemm jekk fl-istat reliġjuż, jew fl-istat soċjali u sekulari. Dan hu tassew dwar kull ħaġa fil-ħajja, il-GĦALIEX. Għaliex dar? Għaliex żwieġ? Għaliex is-sieħeb jew sieħba li għandek? Il-Bibbja tgħidilna għaliex. Din tagħtina l-iskop, ir-raġuni, il-pjan, għal dawn u għal affarijiet oħra fil-ħajja tagħna. Għaliex int iżżewwiġt lil mara tiegħek? Jew lil żewġek? Jiena smajt dwar dawk li żżewwġu għal flus. Din mhix raġuni tajba. Dan huwa pedament dgħajjef għaż-

żwieġ u d-dar. Hemm dawk li żżewwġu minħabba ġibda kbira fiżika. Din tieħu parti, u dan għandu jkun, biex jiġbed l-attenzjoni lejn xulxin; imma jekk din hija r-raġuni primarja għaż-żwieġ, din isservi bħala bidu fqir. Jiena smajt ukoll dwar dawk li jiżżewwġu mara ta' xi pajjiż ieħor biex ikunu jistgħu jidħlu f'dak il-pajjiż—biex huma jkunu jistgħu jiġu mogħtija residen-za jew viża permanenti għal dak il-pajjiż. Xi nisa għad-dehra sabiħa tagħhom—l-aktar għax huma jkunu sbieħ. Żwiġijiet oħra jsiru għar-raġuni tal-popolarità. Huwa wkoll tassew li nies igħaddu mill-forma li jobdu lil Alla għal raġunijiet ħżiena, jew żbaljati.

## ĠESÙ GĦALLEM DWAR L-ATTITUDNI

Din il-lezzjoni kienet biċ-ċar imgħallma u enfasiz-zata fid-Diskors Tiegħu tal-Muntanja. Ġesù qal li kien hemm xi wħud li fil-karità tagħhom daqqew it-trombi quddiemhom biex ikunu mfaħħra minn nies (Mattew 6:2). Hu wkoll qal li xi wħud jitolbu f'salib it-toroq u fis-sinagogi biex jidhru quddiem in-nies. Dak hu l-iskop il-ħażin. Ebda talba ma titla' għola mis-saqaf, jekk dak ikun l-iskop. Ġesù qal li xi wħud, meta huma jsumu jkerrħu wiċċhom biex quddiem in-nies jidhru li huma sajmin (Mattew 6:13). Dawk ukoll huma l-isko-pijiet il-ħżiena. Ġesù qal, "Oqgħod attent biex tagħmel l-atti ta' tjubija tiegħek mhux biex jarawk u jfaħħruk in-nies." Kien l-iskop il-ħażin li tagħmel dawn l-affari-jiet biex jarawk u jisimgħuk u jonorawk in-nies.

X'qiegħed igħid il-Mulej tagħna f'dan kollu? Illi l-ISKOP li għalih inti tagħmel xi servizz għal Alla

huwa ta' importanza kbira. Ġesù qiegħed juri lil l-ilqugħ jew l-irroftar ta' persuna jdur fuq dan il-prinċipju nnifsu. Huwa importanti ħafna li inti tagħmel DAK li Alla jgħid, u għaliex Hu qalu! L-GĦALIEX ta' kull ħaġa hija ta' importanza bla qies!

## GĦALIEX JIENA KONT MGĦAMMED?

Ħares lura lejn dik il-ġrajja f'ħajtek, eżaminaha f'moħħok, investiga dwarha sewwa, spezzjonaha bir-reqqa, interrogaha bir-reqqa kollha ħalli ssib jekk saritx jew ma saritx għal l-iskop ta' Alla, u jekk, għal-daqstant, il-magħmudija tiegħek kinetx sewwa u aċċettata f'għajnejn Alla!

## EŻAMINA DAWN IL-ĦSIBIJIET

Kont jiena mgħammed għal xi motiv personali? Kien dan biex jien nirbaħ l-id, il-qalb, l-approvazzjoni u l-qbil ta' xi sieħeb jew sieħba? Għamilt dan biex inkabbar l-affarijiet tiegħi fix-xogħol, jew fir-riferenza soċjali tiegħi għal oħrajn? Jew, meta jiena kont mgħammed snin ilu kont jien għadni żgħir ħafna u mpressjonabbli, u għamilt dan fuq sforz u insistenza tal-ġenituri tiegħi? Jew, kinetx l-aktar ħaġa popolari li tagħmel, għaliex il-kbar tiegħi kienu qegħdin jagħmlu dan? Kien li waqt li l-laqgħa dwar l-Evanġelju kienet għad-dejja u xi wħud mill-ħbieb tiegħi ħasbu li għandna nitgħammdu? Jew kien għaliex il-ġenituri tiegħi kienu għammduni meta kont għadni tarbija? Għaliex jiena kont mgħammed? Kien minħabba r-raġunijiet soċjali li nkun aċċettat fi grupp lis-sħubija tiegħu jiena xtaqt u kelli bżonn? Din tista' matkunx

raġuni ħażina għal kollox, imma mhijiex tajba biżżejjed biex isservi bħala l-ħsieb (pjan) Divin għall-magħmudija. Għamilt dan biex inkun identifikat ma' xi grupp reliġjuż partikulari, jew knisja? Meta jiena kont mgħammed, isseħibt jien mal-knisja? Meta jiena kont mgħammed kont jien mgħallem illi kont salv fil-waqt li kelli l-fidi u ridt nit-għammed għaliex jiena kont salv? Kienet din ir-raġuni? Staqsi lill-predikatur: "Temmen int li Alla minħabba Kristu ħafirlek dnubietek, u int tixtieq li tit-għammed għaliex dnubietek *diġà* huma maħfura?" Din il-mistoqsija hija magħmula u din id-dottrina hija mgħallma ħafna matul id-dinja reliġjuża. Kont int żgħir ħafna meta tgħammidt u ma kontx tista' tifhem kemm kient importanti—l-implikazzjoni morali u spir-itwali tal-magħmudija? Qiegħed tara, jista' jkun hemm numru ta' raġunijiet ħżiena għaliex titgħammed.

## XI WĦUD KIENU MGĦAMMDA MILL-ĠDID

Jiena qrajt dwar nies li kienu mgħammda bil-magħ-mudija ta' Ġwanni fil-ktieb ta' Atti, kapitlu 19. Huma ma kinux mgħammdin bil-magħmudija tal-Kummiss-joni l-Kbira u għalhekk ma kinux mgħammdin għal l-iskop xieraq.

> "*X'ħin semgħu dan, tgħammdu f'isem il-Mulej Ġesù*" (Atti 19:5).

## RAĠUNIJIET BIBLIĊI GĦALIEX TITGĦAMMED

Ir-raġunijiet ta' Alla li titgħammed huma l-uniku motiv sodisfaċenti, xieraq u li jogħġob għal dak l-att jew kull att ieħor. U hawn huma xi raġunijiet iġġustifikati minn dawk tal-Bibbja:

1. Il-magħmudija hi għas-salvazzjoni. Jiena mhux qiegħed nitkellem dwar il-magħmudija bħala sagrament, għaliex jiena ma nemminx li din hija sagrament—li hija għandha xi mertu partikulari fiha nfisha, u li billi wieħed sempliċiment jitgħammed dan sejjer isalva. Jiena ma nemminx li din hija "salvazzjoni ta' l-ilma" jew "tnissil mill-ġdid bil-magħmudija." Il-Bibbja ma tgħallimx dan. Dawk li jemmnu l-Kelma ta' Alla jieqfu sewwasew kuntrarju għal dak it-tagħlim. Iben ħabib tiegħi li kien twieled fi sptar Kattoliku Ruman kien jeħtieġ ftit ta' kiruġija fejn din kienet magħmula fuqu fl-ewwel jum ta' ħajtu u hu kien kważi żvina għall-mewt. L-infermiera ta' l-isptar wasslulu l-mess-aġġ li hu kien meħud u mgħammed. Huma kienu jem-mnu li dik it-tarbija ġiet fid-dinja bid-dnub ta' Adam, li hija kienet għalkollox imħassra, u li hija kienet wir-tet id-dnub u l-korruzzjoni. Ħafna knejjes igħallmu li tarbija tiġi f'din id-dinja totalment imħassra ereditar-jament. U għalhekk huma "jgħammduha." Din hija dik li wieħed isejjaħ "salvazzjoni ta' l-ilma," jew "tnissil mill-ġdid bil-magħmudija." Dan hu dak li inti ssejjaħ sagrament! Il-magħmudija mhix dan. U, madankollu, il-Bibbja tgħallem li l-magħmudija hija għas-salvazz-joni. Naqraw fil-Vanġelu ta' Mark, kapitlu 16, vers 16,

*"Min jemmen **u** jitgħammed, isalva."*

Ħalli nistaqsi l-mistoqsija sempliċi ħafna u li ħafna reliġjużi mhumiex lesti li jagħtu t-tweġiba t-tajba, "Min isalva, skond il-lingwa ta' Ġesù?" It-tweġiba ċertament hija:

"*Min jemmen* ***u*** *jitgħammed, isalva.*"

Mela tħallix dan il-post u twieġeb (jew tħalli lil min iwieġeb għalik) billi tgħid: "Min jemmen isalva u jista' jitgħammed jekk hu jagħżel li jagħmel dan." Lanqas tgħid: "Mhux neċessarju li titgħammed." Ukoll lest int li twieġeb (jew tħalli lil min iwieġeb għalik) li "Min jitgħammed isalva u mbagħad aktar tard meta jikber jemmen?" Lest int li ma tħalli lil ħadd iwieġeb għalik u tħalli biss lill-Mulej? Wieġeb dak li qal il-Mulej, jiġifieri,

"*Min jemmen u jitgħammed, isalva.*"

Dan hu sempliċi ħafna daqs li kieku tgħid, "tnejn u tnejn jagħmlu erbgħa." X'jagħmel erbgħa? Tħallix dan il-post u tgħid, "tnejn jagħmlu erbgħa." Ukoll tifel żgħir jaf aħjar minn hekk. L-appostlu Pietru, snin twal wara li Ġesù kien ta dan il-kmand, qal, b'ispirazzjni mill-Ispirtu s-Santu,

> "*Dan l-ilma kien ifisser il-magħmudija, li issa ssalva lilkom ukoll. Mhux għax tnaddaf il-ħmieġ tal-ġisem, imma għax hi talba lil Alla ħierġa minn kuxjenza safja…*" (1 Pietru 3:21).

Ħalli nerġa' nistaqsi mistoqsija oħra sempliċi ħafna u li ħafna reliġjużi mhumiex lesti li jagħtu t-tweġiba t-

tajba għaliha wkoll: X'tagħmel il-magħmudija skond Pietru? It-tweġiba ta' l-ispirazzjoni hija:

> "*issalva lilkom ukoll.*"

Dan hu għaliex il-magħmudija hija ordnata, biex issalva lilkom ukoll. Raġel ispirat ta' Alla kien li għamel din l-istqarrija! U x'inhi l-magħmudija skond Pietru? It-tweġiba ta' l-ispirazzjoni hija:

> "*hi talba lil Alla ħierġa minn kuxjenza safja.*"

Mela l-magħmudija, skond l-Ispirtu s-Santu Nnifsu, mhix opra imma hija,

> "*talba lil Alla ħierġa minn kuxjenza safja.*"

Lil min int lest li temmen u tobdi, lil Mulej jew lillbnedmin?

2. Il-magħmudija hija "għall-maħfra tad-dnubiet." F'Atti 2:38, Pietru jagħti tweġiba lin-nies li staqsew,

> "*L-aħwa, x'għandna nagħmlu?...*" "*Indmu, u jitgħammed kull wieħed minnkom...għall-maħfra ta' dnubietkom.*"

Jekk fil-każ ma tafx x'inhi "*għall-maħfra ta' dnubietkom*" din letteralment tinqara: "Indmu u tgħammdu ħalli dnubietkom jintbagħtu fil-bogħod ħafna." Il-kelma għall-"maħfra" fil-lingwa tat-Testment il-Ġdid hija "*aphesin*," u tfisser "li tibgħat fil-bogħod."

2. Din hija ħalli dnubietek ikunu jistgħu jinħaslu. Għaliex kont int mgħammed? Jekk inti twieġeb din il-mistoqsija bit-tweġiba tal-Bibbja, din tkun:

> “*Qum, u tgħammed, u aħsel dnubietek, billi ssejjaħ isem il-Mulej*” (Atti 22: 16).

Il-qari eżatt ta’ dan il-vers fil-lingwa tat-Testment il-Ġdid huwa: “Qum u ikseb għalik il-magħmudija u ikseb għalik il-ħasil ta’ dnubietek.” Għalhekk il-magħmudija, skond l-appostlu Pietru, mhix qiegħda “*għax tnaddaf il-ħmieġ tal-ġisem, imma għax hi talba lil Alla ħierġa minn kuxjenza safja…*” (1 Pietru 3:21). Il-magħmudija tnaddaf il-ħmieġ spiritwali, id-dnubiet! L-appostlu Pawlu, f’dak il-ħin li kien intqal dak il-kliem lilu, kien għadu *maħmuġ spiritwalment*. Ma tistax tgħid li hu kien salv fit-triq għal Damasku, għaliex il-Mulej kien qallu,

> “*Qum u mur Damasku. Hemm igħidu-lek kull ma għandek kull ma għandek tagħmel*” (Atti 22:10).

Żgur li Pawlu ma kienx salv qabel ma kien jaf x’għandu jagħmel! F’dak il-kmand Ħananija uża l-pronom possessiv “tiegħek” (dnubietek), u dan juri l-fatt li Pawlu kien għad għandu dnubietu fuqu. Int m’għandekx tgħid, kif jippruvaw igħidu ħafna għalliema foloz moderni, li Pawlu kien salv fit-triq għal Damasku meta hu għal l-ewwel emmen lil Ġesù. Huma jippruvaw jgħidu li billi Ħananija sejjaħlu “ħija” f’ves 13, allura dan ifisser li Sawl kien diġa’ salv. Imma l-iżball li jsir hawn huwa li huma ma jħallux il-Bibbja tinterpreta lilha nfisha u tfisser sewwa hi u mhux aħna t-tifsira tal-kelma “ħija.”

F'Atti 2:29, nisimgħu lil Pietru jindirizza lil dawk li kienu qatlu lill-Mulej b'dan il-mod:

> "***Ħuti****, ħalluni ngħidhielkom kif inħoss-ha fuq il-patrijarka David:…*" (enfasi tiegħi).

Pietru kien qiegħed ikellimhom biex huma jaraw l-iżball tagħhom u jikkonvertu għal Kristu. Żgur li ħadd mhux se jissogra u jgħid li f'dak il-ħin dawk li kienu qegħdin jisimgħu lil Pietru kien salvi għaliex Pietru sempliċiment sejħilhom "ħuti"? F'vers 37b, nisimgħu lis-semmiegħa jgħidu dan il-kliem lil l-appostli,

> "***L-aħwa****, x'għandna nagħmlu aħna?*" (enfasi tiegħi).

Jistgħu huma jkunu salvi qabel ma jkunu jafu "*x'għan-dhom jagħmlu*" *biex isalvaw?* Il-kelma "Aħwa" hija wżata fl-istess sens li jużawha n-nies fil-ħajja komuni bħala ħbiberija u rispett. Għalhekk Pawlu ma kienx salv f'dak il-ħin fit-triq għal Damasku, u għal żewġ raġunijiet evidenti: (1) Il-Mulej qal li hu kellu jmur fil-belt ħalli jkun jaf X'GĦANDU jagħmel, u (2) Hu kien imġiegħel biex iqum u jaħsel id-dnubiet TIEGĦU. U Pawlu sempliċiment ma setgħax jaħsel dnubiet li hu ma kellux! Dan hu l-iskop tal-magħmudija. Din hija r-raġuni tal-Bibbja għall-magħmudija. Mela, jekk dak ma kienx l-iskop li għalih int kont mgħammed, jew għax emmint li kont salv bil-fidi biss qabel il-magħ-mudija jew għaliex int kont mgħammed bħala tarbija, int għandek bżonn serju li tagħti ħarsa sewwa lejn x'għandek bżonn tagħmel biex tirranġa ma' Alla!

4. Meta taqra dawk il-123 versi fit-Testment il-Ġdid li jitkellmu dwar il-magħmudija, dawn juru li l-iskop hu biex ipoġġina f'relazzjoni xierqa ma' Kristu.

> "*Għax intom ulied Alla lkoll kemm intom, permezz tal-fidi fi Kristu Ġesù. Intom, li intom mgħammda* ***fi*** *Kristu, ilbistu 'l Kristu*" (Galatin 3:26-27).

Kif tista' inti tkun salv? Billi "titgħammed fi Kristu." Qiegħed int fi Kristu? Kif inti tista' tkun **fi** Kristu? Il-Bibbja Mqaddsa tgħid, "mgħammda fi Kristu." Ukoll f'Rumani 6:3-4, il-Kelma ta' Alla tgħidilna,

> "*Ma tafux li aħna li tgħammidna* ***fi*** *Kristu, tgħammidna fil-mewt tiegħu?*" (Enfasi tiegħi).

"Ma tafux?" jgħidilna Pawlu. Sfortunatament huma ħafna reliġjużi li għadhom "ma jafux" u dan jidher mit-tagħlim żbaljat tagħhom, jiġifieri, xi wħud minnhom igħallmu li persuna tkun salva *qabel* il-magħmudija, bil-fidi biss, waqt li oħrajn igħallmu l-magħmudija tat-trabi fejn ma jista' jkun hemm ebda fidi! Il-fidi u l-magħmudija ma tistax tifridhom minn xulxin. Il-Mulej qal dan bi kliem l-aktar ċar "Min jemmen [fidi] **U** jitgħammed isalva" (Mark 16:16). Aħna min aħna biex nifirduhomlu! Jekk int ma tistax, allura int għandek titgħammed **FI** Kristu! Ġesù kien qal fil-Vanġelu ta' Mattew dwar il-Kummissjoni l-Kbira Tiegħu:

> "*Morru mela, u għallmu l-ġnus kollha, u għammduhom fl-isem tal-Missier u ta' l-Iben u ta' l-Ispirtu s-Santu*" (Mattew 28:19).

Dak li Ġesù kien qiegħed jindika hawn huwa bidla ta' relazzjoni. Int kont fid-dinja; int kont taħt il-ħakma ta' Satana. Int żammejt relazzjoni spiritwali miegħu bħala ibnu. Issa inti tista' tibdel dik ir-realzzjoni billi titgħammed fl-isem tal-Missier u ta' l-Iben u ta' l-Ispirtu s-Santu. Kif inti tista' tkun salv qabel ma ssir ħaġa waħda mad-Divinità, jiġifieri, li tkum mgħammed f'isem id-Divinità, il-Missier l-Iben u l-Ispirtu s-Santu?

5. Il-Bibbja tgħid li l-magħmudija hija għal l-iskop biex issir ħolqien ġdid. Aħna nqumu biex ngħixu ħajja ġdida (Rumani 6:4). Dan ifisser li l-magħmudija *hija l-bidu* ta' ħajja ġdida. L-appostlu Pawlu jgħidilna,

> "*Meta wieħed jingħaqad ma' Kristu, isir ħolqien ġdid; il-qadim għadda u daħal fil-ġdid*" (2 Korintin 5:17).

F'Efesin 4:22, 24 huma żewġ versi li jgħidulna li aħna warrabna l-ħajja ta' qabel, il-bniedem il-qadim u lbisna l-bniedem il-ġdid "li jiġġeded dejjem skond ix-xbieha ta' min ħalqu." Imma skond it-tagħlim żbaljat ta' dawk li jgħallmu salvazzjoni bil-fidi biss, wieħed jibda l-ħajja ġdida **qabel** ma lanqas dan ikun għadu twieled mill-ġdid (Ġwanni 3:3-5; Rumani 6:3-4), **qabel** ma dan lanqas ikun għadu ingħaqad ma' Kristu! Ukoll dan jibda l-ħajja ġdida spiritwali tiegħu **qabel** ma jkun sar ħaġa waħda mat-Trinità Mqaddsa (Mattew 28:19). Hawn tajjeb li int taqra mill-Bibbja tiegħek Atti 4:19; 5:29 u tiddeċiedi għalik innifsek int u mhux jiddeċiedi għalik ħaddieħor!

6. Hemm raġuni oħra GĦALIEX wieħed għandu jitgħammed—biex jidħol fil-ġisem tal-Mulej, il-knisja Tiegħu. L-appostlu Pawlu jgħidilna hekk dwar dan,

> "*Għax aħna wkoll, ilkoll tgħammidna bi Spirtu wieħed biex nagħmlu ġisem wieħed…*" (1 Korintin 12:13).

Permezz tat-tagħlim, gwida, u direzzjoni ta' l-Ispirtu wieħed aħna konna mgħammda fil-ġisem spiritwali Tiegħu, li hu l-knisja. Hawn tajjeb li niġbed xi ftit l-attenzjoni għaliex xi wħud jippruvaw igħallmu li l-kelma magħmudija hawn u f'xi postijiet oħra mhux dejjem tfisser il-magħmudija ta' l-ilma. Dan hu tagħlim perikoluż ħafna u tagħlim żbaljat għal kollox. Fil-Bibbja naqraw dwar seba' magħmudijiet: 1. Il-magħmudija f'Mosè (1 Korintin 10:1-2). 2. Il-magħmudija ta' Ġwanni (Mattew 3:1-2, 11). 3. Il-magħmudija tat-tbatija (Mattew 20:22-23). 4. Il-magħmudija tan-nar (Mattew 3:11). 5. Il-magħmudija għall-mejtin (1 Korintin 15:29). 6. Il-magħmudija ta' l-Ispirtu s-Santu (Mattew 3:11). 7. Il-magħmudija ta' l-ilma, dik Kristjana (Rumani 6:1-5; Atti 8:35-39). Imma minn dawn is-seba' magħmudijiet, l-appostlu ispirat jgħidilna:

> "*Mulej wieħed, fidi waħda, **magħmudija waħda***" (Efesin 4:5; enfasi tiegħi).

Illum aħna għandna "magħmudija waħda" u kulħadd jaf liema hija din il-magħmudija waħda! Dik tal-ilma. Mela meta aħna naqraw fil-Bibbja dwar nies li tgħammdu dawk kienu tgħammdu bil-magħmudija l-waħda, dik ta' l-ilma. Illum xi wħud igħallmu li huma għandhom il-magħmudija ta' l-Ispirtu s-Santu kif ukoll hu-

ma jitgħammdu bil-magħmudija ta' l-ilma! Dan huwa ksur tal-Kelma ta' Alla għaliex il-Kelma ta' Alla tgħidilna bl-aktar mod ċar li kif hemm Alla *wieħed*, Mulej *wieħed*, u Spirtu *wieħed*, hekk ukoll hemm magħmudija **waħda**. Waħda ma tfissirx tnejn! Il-magħmudija ta' l-Ispirtu s-Santu wettqet l-iskop tagħha. Illum aħna għandna biss magħmudija WAĦDA, dik ta' l-ilma!

> "*Għax aħna wkoll, ilkoll tgħammidna bi Spirtu wieħed biex nagħmlu ġisem wieħed…*" (1 Korintin 12:13).

Jiena għedt li permezz tat-tagħlim, gwida, u direzzjoni ta' l-Ispirtu wieħed aħna konna mgħammda fil-ġisem spiritwali Tiegħu, li hu l-knisja. Xi jfisser dan kollu? Tajjeb, hemm xi affarijiet li ma jfissrux dan. Hekk kif jiena qrajt u eżaminajt dan il-123 versi mill-Bibbja, dan ma jfissirx li l-magħmudija hija sempliċiment xi forma stabbiltà jew ċerimonja. Sakemm il-Bibbja hija kkonċernata, din mhijiex xi biċċa wirja reliġjuża jew xi wirja pompuża. Din mhijiex xi xorta ta' dramm jew esibizzjoni. U jiena nieħu għalija (speċ-jalment waqt li qiegħed ngħix fuq l-art ta' letteratura kbira, art tal-Bibbji) u nħossni offiż dwar għalliem reliġjuż idawwar il-kullar "il-parti ta'wara quddiem", u jieħu tarbija ċkejkna innoċenti (Luqa 18:15-17) fuq idejh u jbexx ftit qtar fuq rasha u jsejjaħ din magħmu-dija. U jiena xxokkjat li nies kbar jirrispondu għal dik il-kwalità ta' ċerimonja billi jgħidu: "Ma kienx dak servizz sabiħ, sagru u li jqanqal?" Din mhijiex inqas minn paganiżmu f'nofs

il-pajjiż tagħna! Inħossni wkoll offiż meta nisma' min igħallem li l-magħmudija mhix għall-maħfra tad-dnubiet u li persuna hija salva **qabel** ma titgħammed! Il-Mulej tagħna Ġesù Kristu ma ordnax: "Min jemmen **isalva** u jitgħammed…" imma ordna li "Min jemmen **U** jitgħammed isalva…" Minn fejn ġabu l-awtorità tagħhom dawk l-għalliema foloz li jbiddlu l-kliem ċar tal-Mulej! Għalhekk tajjeb hawn li int taqra mill-Bibbja tiegħek Efesin 5:6 u 2 Ġwanni 8-11.

7. Il-magħmudija hija, fir-realtà, stampa tal-mewt, difna u qawmien ta' Kristu.

> "*Imma nižžu ħajr lil Alla: intom kontu lsiera tad-dnub, imma issa obdejtu min qalbkom dik il-kwalità ta' tagħlim li ngħatalkom biex timxu fuqu; infdejtu minn taħt id-dnub, imma tjassartu għall-ġustizzja*" (Rumani 6:17-18).

Dik "il-kwalita'" ta' tagħlim tfisser l-ewwel ħażż, xbieha, stampa tal-mewt, difna u qawmien ta' Ġesù Kristu u li Pawlu jitkellem dwaru u japplikah għall-magħmudija tagħna f'versi 3 sa 5 ta' l-istess kapitlu (Rumani 6).

8. U, sinjifikanti daqs kull ħaġa li jiena għedt illum, l-iskop tal-magħmudija huwa sempliċiment biex tobdi lil Kristu.

> "*Jista' xi ħadd jiċħad l-ilma tal-magħ-mudija lil dawn in-nies, li ħadu l-Ispirtu s-Santu bħalma ħadnieh aħna*

*wkoll?*" *U ordna li jitgħammdu fl-isem ta' Kristu*" (Atti 10:47-48)

Hawn ukoll wieħed għandu jkun attent mill-għalliema foloz. Kif dawk in-nies salvaw? L-għalliema foloz jgħidu li huma salvaw bl-Ispirtu s-Santu, bil-fidi biss. Le, dak huwa tagħlim żbaljat għal kollox u għax ma jħallux il-Kelma ta' Alla tgħidilhom hi imma, kif diġa' semmejt aktar qabel, huma jieħdu l-awtorità f'idejhom li hija biss tal-Mulej (Mattew 28:18) u joħolqu tagħlim ġdid. Isma' x'tgħidilna l-Kelma ta' Alla dwar KIF Kornelju u l-familja tiegħu salvaw:

> "*Hu għarrafna kif kien ra l-anġlu f'daru, wieqaf quddiemu, u qallu, 'Ibagħat lil xi ħadd iġib minn Ġaffa lil Xmun, li jgħidulu Pietru;* ***u hu jgħidlek kliem LI BIH issalva, int u l-familja tiegħek kollha***" (Atti 11:14; enfasi tiegħi).

Temmen int li Kornelju u l-familja tiegħu salvaw permezz tal-KLIEM li qalilhom Pietru? U xi kliem Pietru qalilhom? Jekk inti tassew trid li tkun taf, ħalli lil l-Isirtu s-Santu jgħidlek u mhux lill-bnedmin. Aqra Atti 2:38 u tisma' lil Pietru jgħid dak il-kliem (ordnat lilu mill-Mulej) biex wieħed isalva permezz tiegħu!

> "*Indmu, u jitgħammed kull wieħed minnkom fl-isem ta' Ġesù Kristu għall-maħfra ta'dnubietkom; u intom tirċievu d-don ta' l-Ispirtu s-Santu.*"

Taħseb int li Pietru qal xi kliem differenti lil Kornelju u l-familja tiegħu biex huma jsalvaw? Taħseb int li hemm diversi modi kif wieħed isalva fit-Testment il-

Ġdid? Hemm biss mod wieħed kif persuna tista' ssalva u dan il-mod issibu ordnat mill-Mulej komplut kollu kemm hu meta inti taqra l-erba' Vanġeli, jiġifieri, Mattew 28:18-19; Mark 16:16; Luqa 24:47; Ġwanni 20:22-23. Xi ħtiġijiet hemm fl-ordni tal-Mulej għas-salvazzjoni f'dawn il-passi mill-erba' Vanġeli? Fidi, indiema, magħmudija, maħfra tad-dnubiet. Sewwasew f'din il-konnessjoni, il-magħmudija tlissen sottomiss-joni totali għar-rieda ta' Alla. Hu qal,

> "*Mela oqogħdu għar-rieda ta' Alla*" (Ġakbu 4:7).

Dan huwa rranġar tagħna nfusna taħt ir-rieda ta' Alla. Huwa dan l-ispirtu li għandu jikkaratterizza lil kull wieħed minna. B'xi ħaġa oħra, aħna ma nistgħux nobdu lil Alla u nkunu aċċettabbli f'xi ħaġa!

## JIENA GĦANDI NAGĦŻEL IT-TRIQ TA' ALLA

Meta aħna niddeċiedu d-direzzjoni tagħna nfusna, meta aħna npinġu t-triq tagħna nfusna, meta aħna ngħidu, "Dan hu dak li jiena għażilt li nagħmel," mingħajr riferenza għal jew konsiderazzjoni ta' x'kien qal Alla, aħna ma nistgħux nobdu lil Alla bl-ebda mod. Jiena ma nistagħx ngħammdek. Inti tista' tiġi llum, imma jekk int ma tiġix b'ubbidjenza, u tgħid: "Hawn Mulej, hija l-ħajja tiegħi. Ħudha u wżaha," ma hemmx triq oħra li inti tista' ssir Kristjan. Għaliex, kif qiegħed tara, li ssir Kristjan ifisser sottomissjoni totali u ubbidjenza għar-rieda ta' Kristu.

X'qiegħed iżommok milli tkun mgħammed għall-maħfra ta' dnubietek? Xejn, jekk inti temmen x'għal-

lem il-Mulej tagħna Ġesù Kristu fil-Kelma Tiegħu, b'qalbek kollha.

Qum u tgħammed, u nħasel minn dnubietek, int u ssejjaħ isem il-Mulej! (Atti 22:16).

*Jalla aħna nħajruk biex issir Kristjan, xejn aktar, xejn inqas. Għamel dan illum!*

**Għal aktar informazzjoni ikkuntatjana:**

Knisja Ta' Kristu
Flat 1, Polytechnic Flats,
Ġużè Debono Square,
Msida. MSD 10

e-mail: **info@churchofchristmalta.com**
jew: **www.churchofchristmalta.com**